DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

9 ta' Marzu 2016*

"Għajnuna mill-Istat — Taxxa fuq il-kumpanniji — Għajnuna favur portijiet Belġjani mogħtija mill-Belġju — Ittra tal-Kummissjoni li tinforma lill-Istat Membru bl-eżami preliminari tagħha ta' din l-għajnuna bħala li hija inkompatibbli mas-suq intern u bl-adozzjoni probabbli ta' miżuri xierqa — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-438/15,

**Port autonome du Centre u de l'Ouest SCRL**, stabbilita f'La Louvière (il-Belġju),

**Port autonome de Namur**, stabbilita f'Namur (il-Belġju),

**Port autonome de Charleroi**, stabbilita f'Charleroi (il-Belġju),

u

**Ir-Région wallonne (il-Belġju),**

irrappreżentat minn J. Vanden Eynde, avukat,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn S. Noë u B. Stromsky, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-deċiżjoni, li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2015, li tqis li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji favur il-portijiet Belġjani tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat eżistenti, inkompatibbli mas-suq intern [għajnuna mill-Istat SA.38393 (2014/CP)],

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn G. Berardis (Relatur), President, O. Czúcz u A. Popescu, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

## Digriet

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Fis-sena 2013, id-dipartimenti tal-Kummissjoni Ewropea bagħtu lill-Istati membri kollha kwestjonarju dwar il-funzjonament u t-tassazzjoni tal-portijiet tagħhom sabiex ikollhom stampa globali u sabiex jiċċaraw is-sitwazzjoni tal-portijiet fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat. Sussegwentement, kien hemm diversi skambji ta' korrispondenza bejn id-dipartimenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet Belġjani.

2 Permezz ta' ittra tad-9 ta' Lulju 2014, b'applikazzjoni tal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tal-Kunsill, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1 p. 339), il-Kummissjoni informat lil dawn l-awtoritajiet dwar l-evalwazzjoni preliminari tagħha tar-regoli Belġjani dwar it-tassazzjoni tal-portijiet fid-dawl tal-klassifikazzjoni possibbli tagħhom bħala għajnuna mill-Istat u l-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern. Fl-aħħar ta' din l-ittra, preliminarjament, hija qieset li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji favur il-portijiet Belġjani kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tiftaħ proċedura ta' kooperazzjoni, sabiex din l-iskema tiġi eżaminata mill-ġdid. Barra minn hekk, hija informat lill-awtoritajiet Belġjani li dan l-eżami mill-ġdid seta' jwassal għal proposta ta' miżuri xierqa bis-saħħa tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament bil-għan li titneħħa l-għajnuna inkompatibbli.

3 L-Awtoritajiet Belġjani ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom lill-Kummissjoni u, permezz ta' ittra tal-1 ta' Ġunju 2015 (iktar 'il quddiem l-"ittra kkontestata"), id-dipartimenti tal-Kummissjoni rrispondew lil din l-ittra filwaqt li ppreċiżaw li:

"[...] l-punti li int qajjimt ġew eżaminati. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nixtieq ninformak li, preliminarjament, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għadhom tal-fehma li l-fatt li l-attivitajiet kummerċjali tal-portijiet mhumiex suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern għar-raġunijiet segwenti:

[...]

Fid-dawl tal-preċedent ġuridiku, id-dipartimenti tal-Kummissjoni jibqgħu tal-opinjoni preliminari espressa fl-ittra tagħhom tad-9 ta' Lulju 2014 [...] Għalhekk, nixtieq ninforma lill-Belġju li l-Kummissjoni tista' tkun imġiegħla tgħaddi għall-istadju li jmiss tal-proċedura u tissottomettilu proposti formali dwar il-miżuri xierqa li huwa jkollu jieħu [...]"

### Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

4 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' Lulju 2015, ir-rikorrenti, jiġifieri Port autonome du Centre u de l'Ouest SCRL, Port autonome de Namur, Port autonome de Charleroi u r-Région wallonne, ressqu din il-kawża.

5 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bis-saħħa tal-Artikolu 130(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

6 Ir-rikorrenti ma ppreżentawx osservazzjonijiet dwar din l-eċċezzjoni.

7 B'atti separati ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti fil-24 ta' Novembru 2015, Port Autonome de Liège u Société régionale du port de Bruxelles talbu li jintervjenu in sostenn tat-talbiet tar-rikorrenti.

8 Fir-rikors, ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla l-ittra kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

9 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala manifestament inammissibbli;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

10 Bis-saħħa tal-Artikolu 130 tar-Regoli tal-Proċedura, meta, permezz ta' att separat, parti titlob lill-Qorti Ġenerali tieħu deċiżjoni dwar l-inammissibbiltà jew in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni mingħajr ma' tidħol fil-mertu tal-kawża, il-Qorti Ġenerali tista', mingħajr ma' tkompli l-proċedura, tieħu deċiżjoni permezz ta' digriet motivat.

11 Fil-każ ineżami, il-Qorti Ġenerali tqis li għandha biżżejjed informazzjoni mill-atti tal-proċess u tiddeċiedi, b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu, li tagħti deċiżjoni mingħajr ma tkompli l-proċedura.

12 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, b'differenza mill-għajnuna ġdida, li hija rregolata mill-Artikolu 108(2) u (3) TFUE, l-Artikolu 108(1) TFUE li jirregola l-għajnuna eżistenti, jipprevedi li l-Kummissjoni għandha teżamina kostantement mal-Istati Membri l-iskemi li jeżistu f'dawn l-Istati u tipproponi lilhom il-miżuri xierqa meħtieġa għall-iżvilupp progressiv tal-funzjonament tas-suq intern.

13 L-Artikoli 17 u 19 tar-Regolament Nru 659/1999 jispeċifikaw il-proċedura applikabbli għall-iskemi ta' għajnuna eżistenti b'dan il-mod:

"Artikolu 17

Koperazzjoni skont l-Artikolu [108(1) TFUE]

1. Il-Kummissjoni għandha tikseb mill-Istati Membri kkonċernati l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-analiżi mill-ġdid, f'koperazzjoni mal-Istat Membru, ta' skemi ta' għajnuna eżistenti skont l-Artikolu [108(1) TFUE].

2. Fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li skema ta' għajuna eżistenti m'hijiex, jew m'għadhiex, kompatibbli mas-suq intern, għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat dwar l-opinjoni preliminarja tagħha u tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità li jissottometti l-kummenti tiegħu fi żmien xahar. F'każijiet ġustifikati, il-Kummissjoni tista' testendi dan il-perjodu.

Artikolu 18

Proposta għal miżuri xierqa

Fejn il-Kummissjoni, fid-dawl ta' l-informazzjoni sottomessa mill-Istat Membru skond l-Artikolu 17, tikkonkludi li l-iskema ta' għajnuna eżistenti m'hijiex, jew m'għadhiex, kompatibbli mas-suq komuni, għandha toħroġ rakommandazzjoni li tipproponi miżuri xierqa lill-Istat Membru kkonċernat. Ir-rakommandazzjoni tista' tipproponi, b'mod partikolari:

a) emenda sustantiva ta' l-iskema ta' għajnuna, jew;

b) introduzzjoni ta' ħtiġijiet proċedurali; jew

c) abolizzjoni ta' l-iskema ta' għajnuna.

Artikolu 19

Konsegwenzi legali ta' proposta għal miżuri xierqa

1. Fejn l-Istat Membru kkonċernat jaċċetta l-miżuri proposti u jinforma lill-Kummisjsoni dwarhom, il-Kummissjoni għandha tirreġistra dik is-sejba u tinforma lill-Istat Membru dwarha. L-Istat Membru għandu jkun marbut bl-aċċettazzjoni tagħha li jimplimenta l-miżuri xierqa.

2. Fejn l-Istat Membru kkonċernat ma jaċċettax il-miżuri proposti u l-Kummissjoni, wara li tkun ikkunsidrat l-argumenti ta' l-Istat Membru kkonċernat, għandha tikkonsidra li dawk il-miżuri huma meħtieġa, għandha tibda l-proċeduri skont l-Artikolu 4(4). L-Artikoli 6, 7 u 9 għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*."

14 L-Artikolu 4(4) u l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament Nru 659/1999 jikkonċernaw il-proċedura formali ta' eżami prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, filwaqt li l-Artikolu 9 jirregola r-revoka ta' deċiżjoni adottata taħt din il-proċedura.

15 Skont il-ġurisprudenza ta' qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 659/1999, li fil-parti l-kbira ġiet ikkodifikata fih, iċ-ċirkustanza għall-Kummissjoni li tipproponi jew le miżuri xierqa ma toħloq l-ebda effett legali definittiv, peress li, fl-assenza ta' aċċettazzjoni, mill-Istat Membru, tal-miżuri xierqa proposti, huwa ma huwiex marbut li jissottometti ruħu għalihom (sentenza tat-22 ta' Ottubru 1996, Salt Union vs Il-Kummissjoni, T-330/94, Ġabra, EU:T:1996:154, punt 35).

16 Fil-fatt, mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li, fl-ipoteżi li l-Istat Membru jaċċetta l-miżuri xierqa proposti mill-Kummissjoni, din tal-aħħar għandha tieħu nota tagħha u tinformah li huwa marbut, b'din l-aċċettazzjoni, li jimplimenta dawn il-miżuri. Skont il-ġurisprudenza, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taġixxi fuq il-proposti tal-Istat Membru u li tirrendi l-imsemmija proposti vinkolanti, konformement ma' dan l-artikolu, tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat (sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, C-132/12 P, Ġabra, EU:C:2014:100, punt 72, u tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-354/05, Ġabra, EU:T:2009:66, punti 67 sa 70).

17 Fl-ipoteżi li l-Istat Membru jirrifjuta l-miżuri xierqa proposti mill-Kummissjoni, hija marbuta, dejjem jekk tqis li dawn il-miżuri jkunu neċessarji għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE. Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni hija marbuta li tadotta waħda mid-deċiżjonijiet previsti fl-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 659/1999. Id-deċiżjoni adottata fi tmiem din il-proċedura tipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li taffettwa l-interessi tal-partijiet ikkonċernati u tikkostitwixxi, għaldaqstant, att li jista' jiġi kkontestat, peress li hija ttemm il-proċedura inkwistjoni u tagħti dikjarazzjoni definittiva fuq il-kompatibbiltà tal-miżura eżaminata mar-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat (sentenzi tas-27 ta' Novembru 2003, Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni, T-190/00, Ġabra, EU:T:2003:316, punt 45, u tal-20 ta' Settembru 2011, Regione autonoma della Sardegna *et* vs Il-Kummissjoni, T-394/08, T-408/08, T-453/08 u T-454/08, Ġabra, EU:T:2011:493, punt 77).

18 F'dan il-każ, b'differenza miż-żewġ ipoteżijiet imsemmija hawn fuq, l-ittra kkontestata ġiet adottata fil-kuntest tal-fażi ta' kooperazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni, imsemmija fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li tista' eventwalment twassal għall-proposta ta' miżuri xierqa, adottati bis-saħħa tal-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament.

19 Issa kif ġustament issostni l-Kummissjoni, peress li l-proposta ta' miżuri xierqa ma tikkostitwixxix att li jista' jiġi kkontestat (punt 15 iktar 'il fuq), *a fortiori*, l-atti preparatorji li jseħħu fil-bidu ta' dawn il-proposti ta' miżuri xierqa, bħal ma hija l-ittra kkontestata, iktar u iktar ma jikkostitwixxux atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Mejju 2009, US Steel Košice vs Il-Kummissjoni, T-22/07, EU:T:2009:158, punt 55).

20 Fil-fatt, hemm lok li jitfakkar f'dan ir-rigward li, skont ġurisprudenza kostanti, fir-rigward ta' atti jew deċiżjonijiet li l-elaborazzjoni tagħhom isseħħ f'diversi fażijiet, b'mod partikolari fi tmiem proċedura interna, huma biss dawk il-miżuri li jiffissaw definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedji li l-għan tagħhom ikun li jippreparaw id-deċiżjoni finali, li jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati (ara d-digriet tat-3 ta' Marzu 2015, Gemeente Nijmegen vs Il-Kummissjoni, T-251/13, Ġabra, EU:T:2015:142, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Dan manifestament ma huwiex il-każ hawnhekk, fir-rigward tal-ittra kkontestata, peress li jirriżulta ċar mill-kontenut ta' din l-ittra li hija "avviż preliminari" tal-Kummissjoni u li hija setgħet ikollha, bħala konsegwenza, tgħaddi għall-fażi segwenti tal-proċedura, li tikkonsisti f'li tissottometti proposti formali li jikkonċernaw miżuri xierqa li jkollhom jittieħdu mir-Renju tal-Belġju.

22 Ir-rikorrenti madankollu jinvokaw ġurisprudenza li tgħid li deċiżjoni li tinbeda proċedura formali ta' eżami tista' tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat taħt l-Artikolu 263 TFUE (sentenza tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Guipúzcoa *et* vs Il-Kummissjoni, T-269/99, T-271/99 u T-272/99, Ġabra, EU:T:2002:258, punti 38 sa 40). Huma jsostnu wkoll li, skont il-ġurisprudenza, meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tikkonferma l-evalwazzjoni preliminari tagħha, din id-deċiżjoni, jekk hija ma tkunx ġiet ikkontestata fit-termini ta' rikors, issir definittiva (sentenza tal-10 ta' Mejju 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, Ġabra, EU:C:2005:275, punt 17).

23 Għandu jiġi kkonstatat, madankollu, li, b'differenza mid-deċiżjonijiet inkwistjoni fil-kawżi invokati mir-rikorrenti, f'dan il-każ, l-ittra kkontestata ma tikkostitwixxi la deċiżjoni li tinbeda proċedura formali ta' eżami, fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE u tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999, u lanqas deċiżjoni li tagħlaq l-imsemmija proċedura, fis-sens tal-Artikolu 7 tal-imsemmi regolament.

24 Ċertament, il-ġurisprudenza stabbilixxiet li, f'ċerti każijiet, deċiżjoni li tinbeda proċedura formali ta' eżami tista' twassal għal effetti legali awtonomi, b'mod partikolari meta tirrigwarda miżuri ta' għajnuna mhux innotifikati u dejjem fil-mument tal-implementazzjoni (ara d-digriet Gemeente Nijmegen vs Il-Kummissjoni, punt 20 iktar 'il fuq, EU:T:2015:142, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata) jew meta, b'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni tikklassifika bħala għajnuna ġdida miżuri li, skont l-Istat Membru kkonċernat, ma jikkostitwixxux għajnuna jew jikkostitwixxu għajnuna eżistenti (sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, Ġabra, EU:C:2001:528, punti 62 u 69, u tat-23 ta' Ottubru 2002, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, T-346/99 sa T-348/99, Ġabra, EU:T:2002:259, punt 33), minħabba l-obbligu ta' sospensjoni marbut mal-għajnuna ġdida bis-saħħa tal-Artikolu 108(3) TFUE.

25 Madankollu, f'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-ittra kkontestata ma tikkostitwixxix, anki impliċitament, deċiżjoni bħal din, imma hija ittra adottata fil-bidu ta' proposta eventwali ta' miżuri xierqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn l-Istat Membru u l-Kummissjoni previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 659/1999, dwar skema ta' għajnuna eżistenti.

26 Issa, għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-Istat Membru jibqa' liberu li japplika l-iskema ta' għajnuna kkonċernata u li jagħti l-għajnuna individwali taħt din l-iskema sakemm ma jiddeċidix li jwaqqaf jew jimmodifika din l-iskema, wara l-aċċettazzjoni tal-miżuri xierqa proposti mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, punt 16 iktar 'il fuq, punti 71 sa 74), jew sakemm ma l-Kummissjoni ma tadottax deċiżjoni finali negattiva, bis-saħħa tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament Nru 659/1999, li biha tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern (ara s-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, punt 24 iktar 'il fuq, EU:C:2001:528, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, għandu jiġi konkluż li l-ittra kkontestata ma tikkostitwixxix att li jipproduċi effetti legali definittivi, li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE.

28 Għaldaqstant, hemm lok li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni tintlaqa' u li r-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli.

**Fuq l-ispejjeż**

29 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

30 Skont l-Artikolu 144(10) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk l-istanza fil-kawża prinċipali tingħalaq qabel tingħata deċiżjoni dwar talba għal intervent, min ressaq it-talba għal intervent u l-partijiet prinċipali għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom marbuta mat-talba għal intervent. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kienet għadha ma tatx deċiżjoni fuq it-talbiet għal intervent ta' Port autonome de Liège u ta' Société régionale du port de Bruxelles fil-mument li tagħti deċiżjoni fuq l-ammissibbiltà tar-rikors prinċipali permezz tad-digriet preżenti. Dawn għandhom, għaldaqstant, ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, konformement ma' din id-dispożizzjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

tordna:

**1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.**

**2) Port autonome du Centre et de l'Ouest SCRL, Port autonome de Namur, Port autonome de Charleroi u r-Région wallonne għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

**3) Port autonome de Liège u Société régionale du port de Bruxelles għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Marzu 2016.

E. Coulon — G. Berardis
Reġistratur — President